MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 31/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Spagnol**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Spagnol talli:

(1) talli nhar it-Tlieta 20 ta' Frar, 1996 fiz-Zejtun, ghall-habta tat-8.30am iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella b'qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar;
(2) talli fl-imsemmija data, lok u cirkostanzi, halef falz quddiem magistrat, jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;
(3) ukoll talli fiz-Zejtun, fl-20 ta' Frar 1996, ghall-habta tas-7.00am, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghall-

haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta` kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred ‘l hawn u ‘l hemm jew gharraq b’xi mezz li kienu hwejjeg tieghu u cioe` billi ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun illi xi hadd mhux maghruf kien sgassalu l-bieb ta’ barra tal-fond fejn joqghod li qieghed sitwat “El Galim” Nru 3, Dun Pawl Brunchell Street, Gebel San Martin, iz-Zejtun u wara li qalbulu kullimkien, serqulu kwantita` kbira ta’ oggetti tad-deheb, pittura u ghamara antika u oggetti ohra li jammontaw ghall-valur ta’ madwar hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000), meta huwa kien jaf li dan ma’ kienx vera, imma ghamlu sabiex jiehu l-hlas ta’ flus ta’ sigurta` kontra r-riskji, liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(4) talli fl-imsemmija data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb, bi hsara ta’ haddiehor huwa pprova jaghmel qliegh b’qerq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(5) talli sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

(6) talli f’dawn l-ahhar xhur huwa ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

(7) fl-ahharnett huwa kien akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta meta kien instab hati li kkometta reat mill-Qorti ta’ Magistrati (Malta) Awla 6 li ggib id-data 12 ta’ Dicembru, 1994 fejn gie misjub hati u rilaxxjat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Frar 2003, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Emanuel Spagnol hati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u s-sitt imputazzjoni, izda lliberatu mill-kumplament ta’ l-imputazzjonijiet, u kundannatu ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fit-3 ta’ Marzu, 2003, li permezz tieghu talab ir-

riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu għall-piena; rat ukoll ir-rikors tal-appell ta’ Emanuel Spagnol, minnu prezentat fil-21 ta’ Frar, 2003, li permezz tiegħu talab ukoll ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi liberat minn dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom huwa instab hati;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha, logikament, tibda bl-appell ta’ Emanuel Spagnol peress li f’kaz li hija tilqa’ dana l-appell ma jkunx hemm lok li jigi kkunsidrat l-appell ta’ l-Avukat Generali. L-appellant Spagnol jikkontendi bazikament li galadarba l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jiddependi kwazi esklussivament fuq l-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija waqt li huwa kien qed jigi investigat, u galadarba huwa ressaq provi li, fuq bazi ta’ probabbilita`, jindikaw li dik l-istqarrija ma kienitx wahda volontarja, allura l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni jaqa’, bil-konsegwenza li huwa ghandu jigi liberat minn dawk l-imputazzjonijiet li huwa nstab hati taghhom. L-argumenti principali ta’ l-appellant, migjuba fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu tat-2 ta’ April, 2001 quddiem l-ewwel qorti u li ghaliha jaghmel referenza fir-rikors ta’ appell, jistghu jigu sintetizzati hekk: (1) huwa pprova li kellu hafna oggetti antiki ta’ valur fid-dar tieghu, (2) li hu kien il-vittma ta’ serqa li sehhet fil-lejla ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Frar, 1996 u (3) li dak li qal fl-istqarrija tieghu lill-pulizija kien kollu vvintat, u qalu semplicement ghax hassu “oppress” bl-imgieba tal-pulizija u anke peress li kien qed ibati minn emikranja qawwija u ried ifittex jitlaq mid-Depot tal-Pulizija. L-appellant talab li din il-Qorti terga’ tevalwa l-provi kollha, u invoka il-kuncett ta’ “unsafe and unsatisfactory verdict” kif enuncjat minn Lord Chief Justice Widgery fil-kaz ***R. v. Cooper*** [1969] 1 QB 267 u applikat minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***The Police v. Michael John Turner*** App. Krim. 7/1/98.

Din il-Qorti tikkonfessa li dana ma kienx kaz facli. Hija qrat u ezaminat fid-dettal il-process kollu – ‘l fuq minn erba’ mitt faccata – diversi drabi proprju biex tiehu “the overall feel of the case”. Kull darba li ghamlet dan l-ezercizzju,

din il-Qorti dejjem spiccat tistaqsi lilha nnifisha: jekk verament l-appellant hu genwin f'dak li jghid dwar is-serqa, dwar l-oggetti li kellu fid-dar fil-lejl tal-allegat serq u dwar dak li ghadda minnu meta kien fid-Depot tal-Pulizija, ghalfejn kellu l-appellant joqghod effettivament jiffalsifika dokumenti ta' "stimi" ta' oggetti fix-xhur qabel il-lejl tad-19/20 ta' Frar, 1996? Mid-deposizzjoni tax-xhud in difesa Joseph Pace (fol. 327) – xhud li kellu jezibixxi fotokopja tal-polza ta' assikurazzjoni, izda li baqa' qatt ma ezibiha – kif ukoll mid-dokumenti a fol. 111 u 112[1] ezibiti mix-xhud tal-prosekuzzjoni Salvino Zammit (fol. 72) – jirrizulta li l-polza ta' assigurazzjoni kienet harget ga f'xi zmien f'Dicembru 1994 peress li kellha tigi mgedda fit-3 ta' Dicembru, 1995. Ma hemmx dubbju wkoll, mid-deposizzjoni tal-imsemmi Pace, li meta harget <u>l-ewwel darba</u> l-polza, kien hemm oggetti fid-dar "El Galim" nru. 3 Gebel ta' San Martin, iz-Zejtun li kellhom valur ta' approssimattivament Lm81,000 (ara d-dokument a fol. 112) u dan peress li, kif iddepona l-imsemmi Pace, huwa stess kien qabbel l-oggetti elenkati ma' dawk li kien hemm fid-dar. Pero` dana x-xhud kompla jfisser (ara in partikolari d-deposizzjoni a fol. 329) li *"Fuq it-tigdid ta' l-insurance, l-assikurazzjoni ma tergax taghmel il-verifikazzjoni dwar jekk l-oggetti jkunux ghadhom ezistenti d-dar u dana sakemm l-assigurat ma jitlobx li dan isir."* Ghalhekk ma hux eskluz li dak li seta' verament kien hemm meta harget l-ewwel darba l-polza tal-assigurazzjoni ma kienx ghadu hemm sena jew aktar wara. Pero`, din il-Qorti terga' tistaqsi, ghalfejn kellu l-appellant joqghod jaghmel dawk il-manuvri u intricci kollha ta' stimi finta ma' Raymond Bonavia, Raymond Abela, Massimo Lubrano, Emanuel Vella, Tarcisio Cassar u Carmel Spiteri? Hekk, per ezempju, lil Bonavia l-appellant kien talbu, ftit qabel il-Milied tal-1995, biex johroglu erba' ricevuti <u>b'dati differenti</u> (wahda minnhom tmur lura ghal Marzu tal-1992) ta' diversi oggetti, bil-valur vicin kull oggett, meta minn dawk l-oggetti kollha l-unici oggetti li verament huwa kien xtara minghand l-imsemmi Bonavia kien arlogg hekk imsejjah

---

[1] Din il-Qorti ma tarax x'relevanza ghandhom id-dokumenti a fol. 109 u 110 li jirreferu ghal certu Anthony Magro ta' 40 Triq San Piju X, b'*policy number* differenti minn dik indikata a fol. 111, u bil-"contents insured" ammontanti ghal Lm 10,000 u mhux Lm84,150 kif kienet tal-appellant.

tal-Buhl, karrozzella, u zewg linef. U b'referenza ghall-arlogg tal-Buhl l-imsemmi Bonavia jghid specifikatament hekk (fol. 55, 56): *"Nghid li fuq dan id-dokument u precizament id-Dok. RJ8 hemm indikat dan l-arlogg u nghid li hemm indikat li l-prezz huwa Lm2,000, pero` effettivament jien il-prezz veru li kont beight l-imputat kien ta' Lm1400. Nghid li l-imputat min ghandna jixtri wholesale price"* [2]. Bonavia zied jghid hekk (fol. 58): *"Nghid illi l-imputat kien qalli biex naghmel dati differenti fuq dawn l-ircevuti biex ma jidhrux kollha li qisu xtrahom kollha f'daqqa. Ghalhekk hemm id-dati li jvarjaw sew bejniethom."*

Lil Raymond Abela, l-appellant talbu li jaghmillu stima ta' pittura raffiguranti il-Migja ta' San Pawl (il-pittura tidher fir-ritratt CP10). Wara li dana Abela qallu li din kienet tiswa bejn elfejn u elfejn u hames mitt lira, l-appellant qal lil Abela biex jiffirmalu fuq *foolscap* in bjank, u Abela hekk ghamel, bil-hsieb li wara l-appellant inizzel hu d-dettalji dwar l-imsemmija pittura u l-valur li kien qallu l-istess Abela. Izda l-appellant fuq l-istess karta (ara Dok. RJ12, a fol. 100) zied stima ta' tlett pitturi ohra li Abela ma kien qatt ra, b'mod li ghalhekk jigi jidher li Abela stima erba' pitturi b'kollox. Interessanti li d-data fuq din l-"istima" – data evidentement maghmul bil-kalligrafija ta' l-appellant – hija 31 ta' Marzu, 1995. Dan ifisser li dan id-dokument gie maghmul aktar minn sena wara li, skond ix-xhud tad-difiza Albert Rizzo, dana l-istess Rizzo kien ghamel stima ta' diversi oggetti fil-fond tal-appellant (ara d-dokument a fol. 318, li jgib id-data 20 ta' Lulju, 1994). Jekk verament l-appellant diga` kellu l-istima ta' Rizzo (jigifieri jekk din l-istima ta' Rizzo ma gietx "konfezzjonata" wara li nqala' l-kaz kollu), ghalfejn kellu bzonn stima ohra minghand Abela? Ta min jinnota li fuq id-Dok. RJ12 il-valur moghti (allura mhux minn Abela, li qatt ma rahom, izda mill-istess appellant) tal-inkwadri tal-qtugh tar-ras ta' Santa Katerina, ta' San Stiefnu u ta' Santa Margerita huma identici ghall-valuri li hemm fl-istima ta' Rizzo. Fid-deposizzjoni tieghu, kemm dik a fol. 315 kif ukoll dik sussegwenti a fol. 333, Albert Rizzo jghid li l-pittura li huwa kien ghamel stima

[2] Meta zied is-somma inxurjata – ara fol. 112 – l-appellant iddikjara l-valur bhala Lm2,000.

taghha u li huwa jindika bhala "Kwadru antik ta' San Pawl Nafragju, kopja tal-original" fid-dokument datat 20 ta' Lulju, 1994 (fol. 318) huwa probabbilment dak li jidher fir-ritratt Dok. CP10 (u cioe` dak li ghalih jirreferi wkoll Abela)[3]. Din il-pittura Rizzo kien stmaha fis-somma ta' Lm7,000. Il-mistoqsija ghalhekk li din il-Qorti taghmel hi: jekk verament l-appellant diga kellu fl-Lulju tal-1994 stima tal-pittura Dok. CP10 fil-valur ta' Lm7,000, xi bzonn kellu f'Marzu tal-1995 stima ohra fil-valur ta' biss Lm2,500? Fil-konfront ta' Abela l-appellant ikkonfezzjona dokument iehor – Dok. RJ13 – li fih suppost l-imsemmi Abela qed jistima sett ta' seba' santi fis-somma ta' Lm300. Din l-"istima" ggib id-data wkoll tal-31 ta' Marzu, 1995 u evidentement saret billi d-data u l-firma fuq id-Dok. RJ12 gew fotokopjati, u fin-nofs iddahlet din is-suppost stima. U, haga tal-ghageb, l-istima li suppost saret minn Rizzo f'Lulju 1994 ta' dawn is-santi hija wkoll ta' Lm300. A rigward ta' dan id-dokument RJ13 l-appellant fid-deposizzjoni tieghu (ara in partikolari fol. 286, 287), biex jipprova b'xi mod jiggustifika dan id-dokument, jghid li hu ma ffalsifikax il-firma ta' Abela fuqu: *"Lil Abela jien kont tajtu karta biex jiffirmahieli u minn taht kienet harget kopja ta' din il-firma. Fuq dik il-kopja jien ktibt is-sett tas-santi tal-opri t-tajba…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan mhux minnu, ghax il-firma ta' Abela fuq id-Dok. RJ13 hija evidentement fotokopjata u mhux semplicement harget firma "minn taht" bhal meta wiehed juza l-karta sahhara.

F'xi zmien f'Dicembru tal-1995 – u allura ftit gimghat qabel l-allegat serq – l-appellant irnexxielu jikkonvinci lil Massimo Lubrano, li kien jahdem f'hanut tad-deheb, sabiex jaghmillu "stima" ta' oggetti tad-deheb (ara d-dokumenti RJ9, RJ10 u RJ11) li l-istess Lubrano qatt ma rahom. Fi kliem Lubrano (fol. 66, 68): *"…kien talabni naghmillu valuation ta' xi deheb, pero` nghid li deheb ma kellux mieghu. Huwa kellu lista ta' oggetti. Huwa qalli wkoll li kellu xi oggetti il-Monte di Pieta`. Huwa talabni biex naghmillu valuation ta' oggetti tad-deheb, pero` l-oggetti ma wrihomlix u qalli biex jiena naghmillu l-valuation fuq*

[3] L-unika pittura ohra riferibbilment ghal San Pawl li hemm fl-istima datata 20/7/94 hija deskritta bhala "Il-Migja ta' San Pawl fi tlett atti, kopja ta' l-original: Il-Migja, il-Konversjoni u l-Martirju". Id-dokument CP10 certament ma fihx tlett atti.

*dak li qalli hu…Lili l-imputat kien qalli li l-iskop ghal tali talba tieghu ghal valuation kienet ghax huwa kien qed jinxjurja d-dar tieghu."* Lubrano, wara li l-appellant urih il-karta ta' l-identita` u ktieb tal-bank, hareg din l-"istima". L-appellant lil Lubrano qatt ma wrieh l-oggetti li kienu s-suggetti tal-"istima", anqas wara li hargu dawn id-dokumenti. A rigward ta' xi deheb, ix-xhud Carmel Borg (fol. 351), prodott mid-difiza, jghid li xi sitta jew tmien xhur qabel id-19/20 ta' Frar, 1996 huwa kien introduca lill-appellant ma' "Louis tal-Marsa" biex dan ta' l-ahhar jaghmillu stima ta' diversi oggetti tad-deheb. Borg jghid li huwa dawn l-oggetti kien rahom. "Louis tal-Marsa" baqa' ma gie qatt prodott bhala xhud mill-appellant, u anqas gie prodott xi dokument minnu rilaxxjat. Din il-Qorti tistaqsi: jekk l-appellant kien diga mar ghand dan "Louis tal-Marsa", xi skop kien hemm li ftit wara jmur ghand persuna ohra – Lubrano – li hu qatt ma kien iltaqa' maghha ghal stima (ohra?)?

Emanuel Vella (fol. 69 u 330) hu mizzewweg lil oht l-appellant. Vella jammetti li ma jifhimx f'ghamara antika u qatt ma ghamel stimi ta' tali ghamara, izda l-appellant kellu fil-pussess tieghu id-Dok. RJ17, data 18 ta' Marzu, 1995, bi stima ta' tlett kredenzi (tnejn Maltin identici, bl-istilel fil-genb, u wahda ohra "ta' l-iljuni fil-genb") bil-firma ta' dan Vella. Meta xehed fl-1 ta' Marzu, 1996 Vella qal li l-firma "Emm. Vella" fuq dan id-dokument ma kienx ghamilha hu, billi huwa jiffirma ismu fl-intier tieghu, kif effettivament ghamel *in calce* tal-istess dokument fil-presenza tal-Ispettur (illum Kummissarju) John Rizzo. Pero` meta xehed in difeza fit-2 ta' Dicembru, 1998 huwa qal li fil-fatt kien iffirmah dak id-dokument (ghalkemm baqa' jistqarr li ma jifhem xejn fl-ghamara antika) f'xi okkazzjoni meta kien hemm persuna qed tapprezza xi ghamara ghand l-appellant, u din il-persuna talbitu biex jiffirma!! Anke li kieku wiehed kellu jemmen dan – u cioe` li persuna li ma tifhem xejn fl-ghamara (Vella kien ibiegh il-hobz) taqbad u tiffirma fuq dokument ta' stima ta' ghamara ghall-valur komplessiv ta' ghaxart elef lira – xi skop kien hemm li ssir din il-valutazzjoni meta, dejjem skond l-istima ta' Albert Rizzo ta' kwazi sena qabel (20 ta' Lulju, 1994) dawn it-tlett kredenzi kienu diga gew stmati u,

per di piu`, ghall-stess prezz ezatt (Lm8,000-il wahda il-kredenzi bl-istilel, u Lm2,000 il-kredenza l-ohra)?

Zewg dokumenti ohra konfezzjonati huma RJ14 u RJ15 (fol. 102 u 103). Skond Tarcisio Cassar dawn id-dokumenti, li suppost huma stimi ta' oggetti (gojellerija) tad-deheb u l-fidda, inkitbu mill-istess appellant fil-presenza tal-imsemmi Cassar, u dan kulma ghamel kien li iffirma. Dwar zewg oggetti in partikolari – curkett "stmat" Lm2,122 u gizirana "stmata" Lm1,140 – Cassar jghid li hu zgur li qatt ma rahom. Dawn iz-zewg "stimi" jgibu d-data 12/4/92.

Fl-ahharnett hemm id-Dokument RJ16 li jgib id-data 28 ta' Marzu, 1994 u l-firma "C. Spiteri I.D. Card no. 287060(M)". Dan id-dokument huwa suppost stima ta' zewg kollezzjonijiet, wahda ta' bolol u l-ohra ta' muniti. Fid-deposizzjoni tieghu a fol. 195, Carmel Spiteri, filwaqt li jistqarr li ma jifhem assolutament xejn f'bolol u muniti, jammetti li l-firma u n-numru tal-karta ta' l-identita` fuq dan id-dokument huma tieghu, izda jghid li l-kontenut tad-dokument la kitbu hu u anqas iddettah hu. Meta Spiteri rega' xehed a fol. 325 huwa qal hekk: *"Jekk niftakar sew dan id-dokument jien kont iffirmajtu f'okkazzjoni li jien kont mort mas-Sur Spagnol meta kien gab zewg kotba, liema kotba kien fihom xi bolol u muniti u niftakar li konna morna x'imkien il-Gzira. Ta' min hi l-kitba fuq dan id-dokument, li qed lili jigi riferut, ma nafx. Jista' jkun ta' l-imputat u jista' jkun ta' haddiehor. Jien kemm jiswew dawn il-flus u l-bolol ma nafx ghax jien kif diga xehedt f'dawn l-oggetti ma nifhimx."*

Issa, ta' dawn id-dokumenti fazulli kollha, l-appellant, fid-deposizzjoni tieghu, ma ta ebda spjegazzjoni. Dan kollu din il-Qorti hasset il-htiega li ssemmih fid-dettal ghax bazikament dak li qed ighid l-appellant hu li <u>huwa ghandu jitwemmen</u> ghal dak li jirrigwarda s-serqa li huwa jghid li kien vittma taghha u l-valur ta' l-oggetti misruqa, kif ukoll li ghandu jitwemmen meta jghid li dak li qal lill-pulizija fl-istqarrija li huwa rrilaxxja ma kienx minnu, u li din l-istqarrija huwa ghamilha, u fiha huwa qal dak li qal, minhabba l-istat ta' ansjeta` li kellu u d-dizorjentament li

kien jinsab fih minhabba l-emikranja. Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul, hi tal-fehma li ma tistax temmen lill-appellant. Min hu genwin u veritjer ma jikkonfezzjonax – jigifieri jiffalsifika – stimi ta' oggetti li jkunu fil-pussess tieghu, aktar u aktar meta jkun hemm polza ta' assikurazzjoni fuq l-oggetti li suppost ikunu ghandu. Kemm id-deposizzjoni tal-appellant moghtija quddiem l-ewwel qorti, kif ukoll id-diversi provi li huwa ittanta jaghmel permezz tax-xhieda minnu prodotti in difeza, ma huma xejn ghajr tentattivi fjakki biex jipprova jikkonvinci lill-ewwel qorti – u issa lil din il-Qorti – li huwa bniedem ta' min joqghod fuqu, u, ghalhekk, li s-serqa veru sehhet filwaqt li dak li qal fl-istqarrija ma hux minnu. Il-kumpless tal-provi juri pjuttost li l-appellant dejjem irnexxielu "jinqeda" b'haddiehor. Kwantu ghall-istqarrija jibda biex jinghad li ghalkemm huwa minnu li f'certi dettalji jista' jkun li l-appellant ma qalx il-verita` -- jew ghall-anqas ma kienx preciz f'kollox -- bhal meta jghid li hu qatt ma kellu certi oggetti -- il-qofol ta' l-istqarrija ezibita a fol. 89 sa 91 hi li s-serqa ma sehhitx verament u li fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Frar, 1996 mhux veru ttiehdu minn dik id-dar l-oggetti li originarjament kien qal li kienu ttiehdu. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, ma tirravviza xejn "involontarju" f'dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu lill-pulizija. A propositu tad-deposizzjoni tal-psikjatra Dott. Peter Muscat (fol. 296 *et seq.*) din il-Qorti tosserva li dan kien xhud prodott mill-istess appellant, b'mod ghalhekk li meta huwa gie biex jaghti l-"opinjoni" tieghu dwar il-karattru ta' l-appellant u ta' kif persuna b'tali karattru tista' tirreagixxi f'certi sitwazzjonijiet, dan kollu kien proprjament inammissibbli bhala prova: jekk l-appellant ried jaghmel tali prova, li kienet necessarjament tinnecessita ezami tieghu u tal-karattru tieghu, kellu jitlob lill-qorti biex tahtar espert jew esperti skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 650 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel qorti fis-sentenza taghha gustament injorat ghal kollox id-deposizzjoni tal-imsemmi psikjatra. L-ewwel qorti wkoll – u din il-Qorti taqbel perfettament maghha – ma eskludietx li l-appellant verament kellu ghandu diversi oggetti ta' valur; dak li kkonkludiet l-ewwel qorti kien biss li s-serqa kienet, bhad-diversi "stimi" aktar 'l fuq imsemmija, wahda "arkitettata". Infatti dik il-Qorti qalet, b'mod telegrafiku izda preciz hafna, hekk:

**“Illi inghad dan is-segwitu logiku hu li l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat hi wahda volontarja, jigifieri maghmula ‘of his own free will’, u, ikkunsidrati l-indizji u c-cirkostanzi kollha veritiera almenu in kwantu ghall-fatt li s-serqa kienet fittizja u arkitettata li ma jfissirx li l-imputat ma kellux dik il-kwantita` f’valur ta’ affarijiet li stqarr u anzi ipprova li kellu d-dar tieghu.”**

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar, ghajr li tirrespingi l-appell interpost mill-appellant.

Kwantu ghall-appell ta’ l-Avukat Generali, dan jirrigwarda biss in-nuqqas ta’ l-ewwel qorti li tapplika d-dispost ta’ l-Artikolu 109 tal-Kodici Kriminali. F’dan ir-rigward ftit li xejn hemm wiehed xi jghid. Galadarba l-appellant instab hati ta’ gurament falz skond l-Artikolu 108, isegwi li kellu jigi kkundannat ghall-interdizzjonijiet kontemplati fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 109. Ghalhekk l-appell ta’ l-Avukat Generali ser jigi akkolt. Dawn l-interdizzjonijiet ma humiex eskluzi bil-fatt li f’dan il-kaz inghatat sentenza ta’ prigunerija sospiza – ara l-Artikolu 28A(5)(a) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tirrespingi l-appell ta’ l-appellant Spagnol, izda tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi, b’zieda mal-piena erogata mill-ewwel qorti, tkkundanna lill-appellat Emanuel Spagnol ghal interdizzjoni generali u interdizzjoni milli jservi bhala xhud (hlief quddiem il-qrati ta’ gustizzja) u bhala perit ghall-periodu ta’ hames snin mill-lum. U wara li rat l-Artikolu 10(7) tal-Kodici Krminali, tordna li din is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-periodu operattiv ta’ erba’ snin tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------